25 AUG 2020

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 531**

**It-Tlieta 28 ta' Lulju 2020**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Ghislaine Bongailas – Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Joseph Vella – Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**531.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

531.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku fejn talbet li tkun skużata milli tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku tkun skużata.

531.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sinjorina Angel Gwyn Louisielle Camilleri fejn talbet li tkun skużata milli tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjorina Angel Gwyn Louisielle Camilleri tkun skużata.

531.1.3 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jkun skużat.

**531.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

531.2.1 Il-minuti tal-529 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna.

531.2.2 Il-minuti tal-530 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas.

**531.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

531.3.1 Is- Sindku qal illi s-Segretarju Eżekuttiv kienet attendiet *workshop* organizzat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar id-depożiti tal-flus. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-*Bank of Valletta* kien infurma lill-Kunsilli Lokali illi ma kienux ser jaċċettaw aktar *deposit bags* tal-Kunsill biex flus jiġu depożitati fil-kontijiet tal-LESA, LAS, LEMIS u TMS. Dan ifisser li l-Kunsill irid l-ewwel jiddepożita l-flus kollha miġbura f'kont wieħed, imbagħad iqassam il-flus lill-entitajiet rispettivi permezz tal-*internet banking*. Barra minn hekk il-Kunsill ġie nfurmat ukoll illi b'effett mill-1 ta' Settembru 2020 ser tiddaħħal *bank charge* ta' €1 għal kull ċekk li jissarraf. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex il-Kunsill japplika għal tlett *internet keys;* waħda għall-uffiċjal li jieħu ħsieb id-depożiti tal-flus relatati mal-pagamenti tal-permessi, ċitazzjonijiet, kera eċċ; *internet key* għall-uffiċjal responsabbli mill-*accounts* u *internet key* oħra għas-Sindku sabiex flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv japprovaw it-tranżazzjonijiet bankarji li jiġu applowdjati fl-*internet banking* mill-uffiċjali tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li hija diġa kellha *internet key* iżda kienet *view only*. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li ssir talba lill-bank sabiex jipprovdu tlett *internet keys* kif ukoll sabiex jingħata aċċess lis-Segretarju Eżekuttiv biex tkun tista' tapprova l-pagamenti li jsiru permezz tal-*internet banking*.

531.3.2 Minħabba restrizzjonijiet marbuta mal-Covid 19 is-Segretarju Eżekuttiv irrakkomandat lill-Kunsill sabiex jinvesti fit-teknoloġija biex f'każ li s-servizz tal-Kunsill ikollu jiġi sospiż mill-uffiċini, il-ħaddiema jkunu jistgħu jaħdmu mid-dar permezz tat-*teleworking*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jixtri żewġ *laptops* għall-użu amministrattiv.

531.3.3 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien għamel talba lil Transport Malta sabiex isir *double yellow line* faċċata ta' garaxx fi Triq Giuseppi Micallef iżda Transport Malta kienet irrakkomandat sabiex minflok issir linja safra mhux kontinwa quddiem il-garaxxijiet u linja safra kontinwa tul it-triq kollha. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk din it-talba kinitx saret minn resident wieħed biss. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet li fil-viċinanzi ta' Triq Giuseppi Micallef f'Misraħ Alofju Wignacourt kien hemm lok fejn jista' jiżdied il-parkeġġ. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi fin-nofs tal-pjazza hemm *sub-station* tal-Enemalta li ma tistax titneħħa. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir il-linja safra kontinwa minħabba li meta jipparkjaw il-vetturi kien qed jinħoloq periklu għas-sewwieqa. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet li jekk ma jsirx infurzar, il-vetturi xorta ser jibqgħu jipparkjaw. Is-Sindku qal li għalkemm ser jonqos il-parkeġġ, huwa kien qed jipproponi li jsiru l-marki tal-karreġġjata kif ġie issuġġeriet minn Transport Malta. Is-Sur Angelo Scicluna ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

531.3.4 Il-Kaptan Patrick Barbara ressaq ilment li kien irċieva mingħand resident li joqgħod fi Triq Bajada minħabba li kien tneħħa *double yellow line* li kien hemm fil-viċinanzi tal-garaxx tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet ser tiċċekkja dwar dan il-każ.

531.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-affidavit li kellu jittieħed minħabba l-ittra ta' oġġezzjoni lill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali dwar il-fondi relatati ma' Triq Has-Sajjied, kien għadu ma ttiħidtx. Is-Sindku qal illi kienu għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet mal-membri nvoluti.

531.3.6 Is-Sindku rrefera għall-pubblikazzjoni 'Storja u Kultura f'Ħaż-Żabbar' li kellha tiġi ppubblikata bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill kopja tal-kwotazzjonijiet relatati mal-istampar ta' din il-pubblikazzjoni. Is-Sindku żied jgħid li l-Editur ta' din il-pubblikazzjoni kien wera x-xewqa sabiex din il-pubblikazzjoni tiġi stampata bil-kulur. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jistampa 500 kopja bil-kulur għall-prezz ta' €2,325 + 5% VAT.

531.3.7 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill illi x-xogħol fuq il-faċċata taċ-Ċentru Ċiviku kien kważi tlesta u żied jgħid li fil-ġimgħat li ġejjin il-kuntrattur kien ser jibda jżarma l-*iscaffolding*. Is-Sindku qal ukoll illi l-Kunsill kien ingħata permess li jagħmel *logo* tal-Kunsill mal-faċċata tal-binja taċ-Ċentru Ċiviku.

531.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienet ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-fondi tal-GAL Xlokk taħt il-Miżura 4 – *Development of Green Infrastructure.*

531.3.9 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li fit-13 t'Awwissu 2020 tiġi organizzata attività bil-kollaborazzjoni mal-Grupp Pastorali Ċentru Santa Marija u l-Kunsill iħallas għall-kiri tal-imwejjed u s-siġġijiet kif ukoll għas-servizz tal-pulizija li ser jingħata matul l-attività.

531.3.10 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill illi l-ispiża sabiex jinbidlu l-ventijiet li jintużaw għat-tiżjien tal-Milied kienet ġiet tiswa iktar minn dak stmat. Is-Sindku żied jgħid li l-ventijiet kienu saru tal-*stainless steel*.

531.3.11 Is-Sindku tkellem dwar il-kotba li kienu nxtraw għal-librerija lokali u qal illi waqt laqgħa li kellu ġiet diskussa l-possibilità li l-preżentazzjoni tal-kotba ssir mis-Sinjura Abela. Barra minn hekk ġiet diskussa wkoll il-possibilità sabiex fl-istess ġurnata tiġi organizzata *story telling* għat-tfal tal-iskola. Is-Sur Joseph Agius talab sabiex jiġu mistiedna l-persuni b'diżabilità li hemm f'Dar Iris. Is-Sindku qal illi l-Kunsill huwa marbut mal-linji gwida tal-libreriji li ntbgħatu mis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika dwar il-massimu ta' nies li jistgħu jidħlu fil-librerija f'ħin wieħed. Is-Sur Joseph Agius issuġġerixxa sabiex matul din l-attività jintuża l-apparat virtwali għall-*story telling.*

531.3.12 Is-Sindku qal illi l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel kienu talbu sabiex fuq il-medalja kommemorattiva li kienet ser tingħata lil kull parteċipant matul l-attività 5K u 3K jkollha fuqha l-arti li saret fuq it-Teatrju Grieg. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien iddiskuta din il-materja mal-Kunsillier Joseph Vella u fl-opinjoni tiegħu din l-arti għandha tintuża fuq kommemorattivi li jingħataw f'Jum Ħaż-Żabbar u lid-delegazzjoni barranin qabel ma tibda tintuża mill-għaqdiet lokali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jilqax it-talba tal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel.

531.3.13 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett ta' San Nikola u qal illi dan il-proġett kien ġie sospiż minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-COVID 19. Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li saret flimkien mal-Eċċellenza Marie-Louise Coleiro Preca, President Emeritus ta' Malta, mal-Fondazzjoni ta' Malta għall-Ġid tas-Soċjetà, mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol, mal-Ministeru tat-Trasport u l-Proġetti Infrastrutturali, it-tfal issuġġerew li f'dan il-proġett komunitarju jiġi nkluż *underground parking*. Is-Sindku żied jgħid li l-proposta tat-tfal ġiet milqugħa u kienu ser jiġu emendati l-pjanti sabiex matul is-sena 2021 ikun jista' jinbeda l-proġett.

**531.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

531.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

**531.5 Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13**

531.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi fil-11 t'Awwissu 2020 kien ser jiġi fi tmiemu l-*probation period* ta' sitt xhur tal-Uffiċjal Eżekuttiv.

531.5.2 Fis-6.55 ta' filgħaxija l-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti sabiex id-diskussjoni issir fi stadju ta' kumitat.

531.5.3 Fis-7.00 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech talab li jkun skużat.

531.5.4 Fis-7.05 ta' filgħaxija il-laqgħa tkompliet.

531.5.5 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratt tal-Uffiċjal Eżekuttiv ma jiġix imġedded għal żmien indefinit u li l-impjieg jiġi terminat.

531.5.6 Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' joħroġ sejħa għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv - Skala 13 mal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet sabiex jinħatar Bord tal-Għażla biex ikun responsabbli mill-proċess tal-għażla u jressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu għad-deċiżjoni finali tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament illi jinħatar Bord tal-Għażla għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv - Skala 13 u jkun kompost mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas u mis-Sur Angelo Scicluna.

531.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Uffiċjal Eżekuttiv - Skala 13 li kien ġie magħżul matul l-aħħar laqgħa tal-Kunsill 'Kandidat B' ma kienx aċċetta l-ingaġġ fil-kariga ta' Uffiċjal Eżekuttiv - (Skala 13). Is-Sindku talab li l-persuna li ġiet klassifikata fit-tieni post mill-Bord tal-Intervisti, 'Kandidat A', tiġi ngaġġata bħala Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13). Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li 'Kandidat A' tintalab biex tibda l-impjieg tagħha mal-Kunsill bħala Uffiċjal Eżekuttiv.

**531.6 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju 2019**

531.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar - Ġunju 2020. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar - Ġunju 2020.

**531.7 Festa f'Ħaż-Żabbar**

531.7.1 Fis-7.10 ta' filgħaxija s-Sinjura Anna Calleja daħlet għal-laqgħa.

531.7.2 Is-Sindku tkellem dwar l-attivitajiet li jiġu organizzati matul il-ġranet tal-festa u qal illi l-għaqdiet lokali kienu għadhom ma bagħatux kopja tal-programm tal-festa. Is-Sindku qal li biex ikun jista' jikkoordina t-tindif matul il-ġranet tal-festa, importanti li l-Kunsill ikun infurmat bl-attivitajiet li jkunu ser isiru.

531.7.3 Is-Sindku qal li huwa kien infurmat li l-marċ tal-ġimgħa filgħaxija ma kienx ser isir. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li l-għaqdiet lokali jħallsu nofs l-ispiża tal-pulizija li jkun hemm preżenti matul il-ġranet tal-festa. Minħabba li din is-sena l-għaqdiet lokali kellhom sfidi finanzjarji minħabba l-pandemija tal-COVID-19, is-Sindku talab li l-Kunsill iħallas parti mill-ispiża tal-pulizija matul il-ġranet tal-festa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-festa ma kinitx attività tal-Kunsill u li għal daqstant il-Kunsill ma setax iħallas spejjeż tal-għaqdiet lokali. Is-Sindku qal illi Kunsilli oħra kienu ħallsu għas-servizz tal-pulizija matul il-ġranet tal-festa u talab lis-Segretarju Eżekuttiv tibgħat tistaqsi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk il-Kunsill jistax jorganizza l-marċi li jsiru fil-ġranet tal-festa bil-kollaborazzjoni mal-għaqdiet lokali.

531.7.4 Is-Sindku qal li l-purċissjoni tat-tfal ma kinitx ser issir minħabba li l-Kurja ma kinitx ħarġet il-permess. Is-Sindku qal li waqt laqgħa li kellu mal-Grupp tal-Armar tal-Festa ġiet diskussa l-possibilità li minflok il-purċissjoni bl-istatwa tiġi organizzata attività għat-tfal b'logħob sportiv. Is-Sur Angelo Scicluna ssuġġerixxa li għal din l-attività jinxtara basket bil-frott, *key chains* u *tokens* biex jingħataw lit-tfal bħala tifkira ta' parteċipazzjoni. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi organizzata festa għat-tfal fit-3 ta' Settembru 2020 u li l-ispiża tkun tammonta sa mhux aktar minn €1,000. Is-Sindku qal li f'każ li l-ammont ta' persuni bil-COVID-19 jiżdied din l-attività tiġi kkanċellata.

531.7.5 Is-Sindku qal illi kien hemm skema għal għajnuna finanzjarji sabiex jiġu organizzati attivitajiet tal-massa. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li ma jorganizzax attivitajiet tal-massa peress illi minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-COVID-19 ma tantx tista' tippjana.

531.7.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-COVID-19, id-delegazzjoni Ġermaniża ma kinitx ser iżżur Ħaż-Żabbar matul iż-żmien tal-festa. Is-Sindku ssuġġerixxa li għal din is-sena ikun aħjar jekk ir-riċeviment tal-festa ma jsirx. Is-Sindku żied jgħid li s-Sala tal-Kunsill ma kinitx lesta u f'każ li tkun ix-xita r-riċeviment kien ser ikollu jitħassar. Is-Sur Joseph Buttigieg ippropona li r-riċeviment jiġi organizzat bħalma jsir kull sena. Is-Sur Buttigieg żied jgħid li l-iskop tar-riċeviment kien biex il-Kunsill jiltaqa' mal-membri tal-għaqdiet lokali. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li jekk ir-riċeviment isir fil-bitħa taċ-Ċentru Ċiviku, in-numru tal-mistidnin kellu jiġi mnaqqas minħabba l-miżuri li nħarġu mis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li ma jorganizzax ir-riċeviment tal-festa.

**531.8 Parkeġġ fi Triq is-Selq**

531.8.1 Is-Sindku semma l-ħtieġa li jiġu organizzati l-ispazji ta' parkeġġ fi Triq is-Selq. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lill-Perit tal-Kunsill iħejji pjanta bil-postijiet tal-parkeġġ immarkati sabiex tersaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**531.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

531.9.1 Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju 2020 u t-28 ta' Lulju 2020 li kienet tammonta għal €62,690.55.

531.9.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Ġunju 2020 li kien jammonta għal €19.60.

531.9.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fis-Sala tal-Kunsill u jbiddel il-madum tal-art, iżid id-dawl fis-saqaf, jagħmel suffett ġdid tal-*gypsum* u jiżbogħ l-aperturi kollha tas-sala.

531.9.4 Is-Sindku qal illi kien ser isir invjar tal-faċċata taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi x-xogħol tal-invjar għandu jsir meta l-ħwienet ikunu magħluqin.

**531.10 Aġġudikazzjoni tal-Offerti**

- Xiri ta' Vann tal-Kunsill (ZLC 2/2020R)

531.10.1 Inqara r-rapport li ħejja mill-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Kunsill dwar l-offerti li ġew sottomessi għax-xiri ta' vann tal-Kunsill (ZLC 2/2020R). Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-rapport li sar u qalet illi kienu ġew sottomessi żewġ offerti. Il-Bord ta' Evalwazzjoni kien ikkonkluda li l-offerti ma kienux teknikament tajba u l-valur tal-kuntratt kien għola mill-valur stmat. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċetta l-ebda offerta u li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System*.

531.10.2 Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa li l-Kunsill jimporta vann minn barra minn Malta. Is-Sindku qal illi dan ma kienx possibbli li jsir.

531.10.3 Is-Sindku qal illi kien ġabar diversi kwotazzjonijiet lokalment u kien sab vann għall-prezz ta' €12,500 VAT inkluż u żied jgħid li dan il-vann kellu l-istess speċifikazzjonijiet li ġew mitluba fis-sejħa għall-offerti. Peress illi l-Kunsill kien diġa ħareġ żewġ sejħiet għall-offerti għax-xiri ta' vann u peress illi f'kull sejħa l-

prezzijiet ġew sottomessi għola mill-valur stmat, is-Sindku ppropona biex tintbagħat talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill jingħata konċessjoni jagħti *direct order* u jixtri vann għall-prezz ta' €12,500. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali skond il-linji gwida 3.5 biex il-Kunsill jingħata konċessjoni jixtri vann b'*direct order* għall-prezz ta' €12,500 VAT inkluż.

531.10.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li n-numru ta' reġistrazzjoni tal-vann ikun personalizzat ZABBAR LC. Is-Sindku talab li titwaħħal l-*logo* tal-Kunsill fuq il-bibien tal-vann.

531.10.5 Is-Sur Angelo Scicluna staqsa f'hiex kien wasal il-proċess sabiex jiġi organizzat il-parkeġġ fi Triq Santa Duminka. Is-Sur Scicluna rrimarka li fil-laqgħa preċedenti dan il-punt reġa' tressaq ukoll mill-Viċi Sindku. Is-Sindku qal illi l-Perit tal-Kunsill kien għadu qed iħejji l-pjanti neċessarji.

531.10.6 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett ta' tisbieħ ta' Ġnien il-Mistrieħ u qal illi l-Perit tal-Kunsill kien qed iħejji d-dokumenti neċessarji sabiex dan ix-xogħol jibda fl-iqsar żmien possibli. Is-Sindku qal li bħalissa l-Kunsill kien għaddej bil-proċess ta' *risk assessment* tal-ġonna pubbliċi u żied jgħid li Ġnien il-Mistrieħ kien ser jingħalaq kompletament f'każ li r-rapport maħruġ mill-esperti jindika li hemm tagħmir perikoluż.

531.10.7 Fit-8.00 ta' filgħaxija is-Sur Angelo Scicluna talab li jkun skużat.

**531.11 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

531.11.1 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas reġgħet semmiet it-talba sabiex issir *ubar* fi Triq il-Qaqoċċ faċċata ta' Triq Renato Agius Muscat u sabiex jinżebgħu d-*double lines* fil-kantuniera. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li t-talba biex issir *u-bar* ma ġietx milqugħa minn *Transport Malta.*

531.11.2 Is-Sindku talab li jittieħed in-numru tal-karta tal-identità ta' kull individwu li jitlob appuntament miegħu. Dan peress illi ftit tal-ġranet ilu kien hemm resident li kien arroganti fil-konfront tiegħu.

531.11.3 Is-Sur Joseph Agius ressaq ilment li kien irċieva mingħand ir-residenti minħabba nuqqas ta' ndafa f'diversi toroq fosthom; Triq Bajada, Triq iċ-Ċulqana, Triq ir-Redentur u l-madwar. Is-Sur Joseph Buttigieg irrimarka illi l-problema li hemm fi Triq ir-Redentur hija kkawżata mill-ħamiem li hemm fil-barumbara u talab sabiex din it-triq tinknies aktar spiss. Il-Kaptan Patrick Barbara qal illi l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kellha tipprovdi għalf biex il-ħamiem ma jibqax jipproduċi. Is-Sindku qal li minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-COVID-19 l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kellha tipposponi din il-materja. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas

talbet sabiex il-Kunsill jitlob lill-Assoċjazzjoni minn fejn jista' jinxtara dan l-għalf. Is-Sindku qal li dan l-għalf għadu ma ġiex legalizzat biex jintuża f'Malta.

531.11.4 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni kienu għadhom għaddejjin bil-proċess ta' evalwazzjoni tal-offerti tal-knis ta' toroq.

531.11.5 Is-Sur Joseph Agius ressaq ilment li kien irċieva minn resident dwar *reserved parking* li qiegħda fil-kantuniera fi Triq Spadaro ma' Triq Sant'Antnin.

531.11.6 Is-Sur Joseph Agius semma l-bżonn li jsir xogħol ta' titjib fil-klabb tal-boċċi. Is-Sindku qal illi kien ser jiċċekkja jekk hemmx xi skema li toffri għajnuna finanzjarja għall-klabbs tal-boċċi.

531.11.7 Is-Sinjura Anna Calleja nfurmat lill-Kunsill li kienet iddiskutiet il-proġett *Opportunity Knocks* mad-Dipartiment għall-Ħarsien Soċjali. Is-Sinjura Calleja qalet illi kienu ser jiġu organizzati sessjonijiet individwali għal żgħażagħ ta' bejn it-13 u l-25 sena, fosthom korsijiet tal-*hairdressing*, kors tad-dwiefer, korsijiet tal-*make-up*, lezzjonijiet tas-sewqan u oħrajn. Dan sabiex jingħata sapport biex jipprepara ż-żgħażagħ jibdew il-karriera tagħhom. Is-Sinjura Calleja żiedet tgħid li dawn il-korsijiet kienu ser jiġu ffinanzjati minn fondi tal-Unjoni Ewropeja u talbet lill-Kunsill sabiex jippromwovi dawn il-korsijiet. Barra minn hekk is-Sinjura Calleja talbet lill-amministrazzjoni tgħin liż-żgħażagħ jimlew il-formola tal-applikazzjoni.

531.11.8 Is-Sur Joseph Buttigieg qal li fil-ġranet li għaddew kien hemm żewġ inċidenti fi Triq tal-Labour u ppropona li jsiru *traffic lights* fil-*junction* li hemm fi Triq tal-Labour ma' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex minflok *traffic lights* issir *roundabout*. Is-Sur Buttigieg qal li ma jaqbilx mas-suġġeriment tas-Sindku peress illi r-*roundabout* ma kinitx ser tnaqqas n-numru tal-inċidenti. Is-Sindku talab li ssir konsultazzjoni ma' Transport Malta dwar dan.

531.11.9 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-bżonn li jsiru *pelican lights* fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa quddiem il-Park San Klement. Is-Sindku qal li l-proċess sabiex isiru l-*pelican lights* diġa kien beda u x-xogħol kien mistenni jibda matul il-ġimgħat li ġejjin.

531.11.10 Is-Sur Joseph Buttigieg ilmenta li l-kuntrattur responsabbli miż-żamma u l-manutenzjoni tas-*soft areas* ma kienx qed isaqqi b'mod regolari. Is-Sur Buttigieg qal illi l-qsari li hemm f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi kienu nixfu minħabba nuqqas ta' tisqija. Is-Sindku qal li huwa diġa kien kellem lill-kuntrattur responsabbli u dan kien infurmah li ser iħawwel xitel ġdid. Il-Kaptan Patrick Barbara qal li l-kuntrattur għandu jieħu ħsieb it-tisqija b'mod regolari kif stipulat fil-kuntratt speċjalment fix-xhur tas-Sajf.

531.11.11 Is-Sindku qal illi bħalissa kien qed isir xogħol ta' żebgħa tal-kurduni f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi kif ukoll xogħol ta' żebgħa tal-arbli ornamentali li hemm

fi Triq is-Santwarju u Misraħ tal-Madonna Medjatriċi permezz tal-ħaddiema tal-*Cleansing Department*.

531.11.12 Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' semma l-ħtieġa li jsir ir-*rain water culvert* f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi fil-viċinanzi tal-ħanut tal-laħam minħabba l-problema tal-għargħar. Is-Sindku qal illi kien ser jitlob il-konsultazzjoni tal-Perit tal-Kunsill dwar dan il-każ.

531.11.13 Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' semma l-ħtieġa sabiex tiċkien id-dawra tal-Monument tal-Gwerra ta' Pjazza Medjatriċi peress illi kien qed jinħoloq konġezzjoni tat-traffiku kull meta tieqaf il-karozza tal-linja

531.11.14 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jinbidlu tabelli li hemm fi Triq San Leonardu ma' Triq il-Marżebb għax kienu ssaddu. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bħalissa kien għaddej studju biex jaraw liema tabelli għandhom bżonn jinbidlu.

**531.12 Mozzjonijiet**

531.12.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**531.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

531.13.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 24 t'Awwissu, 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija.

531.13.2 Il-laqgħa spiċċat fit-8.25 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-532 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 24 t'Awwissu, 2020.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku